# L-Istatwi ta' San Leonardu fil-Matriċi ta' Ħal Kirkop

Joseph Goggi S.Th.Dip.

L-istatwa l-qadima ta' San Leonardu inħadmet minn Karlu Darmanin fl-1877. Jiġifieri din għalqet 130 sena dis-sena. Ħasra li għadha miżmuma fis-sagristija sa mis-sena 1949 tokrob għar-restawr. Ta' min jinnota li l-istatwa ta' llum maħduma fl-injam f'Bolzano, fl-Italja ta' Fuq hija mmuddellata kważi preċiż fuq l-oriġinali tas-Senglean Karlu Darmanin imlaqqam "Karlozzu". Dan l-istatwarju Malti magħruf ħoloq statwi titulari oħrajn għall-parroċċi Maltin ta' żmienu fosthom ta' San Gejtanu fil-Ħamrun, lil San Ġiljan ġewwa San Ġiljan u Kristu Salvatur f'Ħal Lija.



*L-istatwa tal-lum ta' San Leonardu magħmula f'Ortisei b'San Leonardu jżomm il-baklu fil-lemin. Jidher ukoll qed iżomm il-ktieb u l-ktajjen fix-xellug. Liebes ukoll is-Salib Pettorali ta' Abbati ta' Monasteru.*

Fiż-żewġ statwi titulari tal-Matriċi, dik ta' Darmanin u ta' Bolzano, Leonardu għandu l-Baklu f'idu l-ħażina. Dan għaliex Isqof jew Abbati ta' Monasteru bħalma kien San Leonardu, dejjem iżommu l-baklu fl-id tax-xellug waqt li b'idhom il-leminijja jbierku lill-kongregazzjoni jew il-Komunità. Dan l-istess żball sar fl-istatwa ta' San Publiju tal-Furjana maħduma fl-injam minn Vincenzo Dimech fl-1811. F'din l-istatwa titulari San Publiju qed iżomm il-baklu f'idu l-leminija. Imma fl-istatwa tal-ġebel fil-ġenb tal-knisja fuq barra, eżatt faċċata tal-ħanut ta' Dimech, il-qaddis qed iżomm il-baklu f'idu x-xellugija kif suppost. Min jaf għaliex Dimech u Darmanin, żewġ statwarji tant magħrufin, ħadu dan l-iżball fi tlett statwi titulari! Min-naħa l-oħra dan l-iżball ma' jidhirx fl-istatwi titulari ta' San Nikola tas-Siġġiewi maħduma minn Pietro Felici fl-1736 jew f' San Girgor ta' Kerċem Għawdex maħdum fi Franza fl-1904 jew fl-istatwa tal-fidda ta' San Filep ta' Aggira ta' Ħaż-Żebbuġ li nħadmet f'Ruma u tlestiet fl-1863. Għalkemm mhux isqof, San Filep jidher qed ibierek b' idu l-leminija waqt li jżomm is-Salib f'idu x-xellugija.

Imma San Leonardu l-qadim u l-ġdid jaqblu perfettament ma' l-istatwi titulari ta' San Duminku tal-Belt Valletta u tal-Birgu li saru fis-snin bejn wieħed u ieħor 1687 tal-Belt u l-1986 tal-Birgu maħdum minn Michael Camilleri Cauchi. Anki l-istatwa titulari ta' Santu Wistin tal-Belt maħduma fi Spanja fl-1970, il-qaddis, bħall-qaddisin Leonardu u Duminku qed iżomm il-ktieb tar-Regola ta' l-Ordni tiegħu f'idu x-xellugijja. Pero' waqt li San Duminku qed iżomm il-kuruna tar-Rużarju mal-ktieb, San Leonardu qed iżomm mazz ktajjen ma' l-istess ktieb. Dan biex juri li huwa patrun ta' dawk li kienu jbatu l-jasar u jitolbuh jeħlishom minnu. Ta' min ifakkar li San Leonardu kien wieħed mill-'familiares' tas-Sultan Clovis qabel ma' tgħammed u sar Kristjan. Clovis u Leonardu, is-sultan u iben Uffiċjal tgħammdu t-tnejn fil-Kattidral ta' Rheims minn San Remiġju, l-Arċisqof ta' dik il-belt fejn




*L-arma ta' Mons. Franġisk Xuereb li rregala l-pedestall tal-lum. Xuereb kien Kappillan fis-snin 1932-1937.*

imbagħad bdew jiġu nkurunati s-slaten Franċiżi tal-ġejjieni.

L-istatwa l-ġdida ta' San Leonardu għandha l-baklu u r-raġġiera ta' l-istatwa l-qadima ta' Karlu Darmanin. Differenza pożittiva u sabiħa hija li fl-istatwa l-ġdida San Leonardu huwa mlibbes Salib Episkopali ta' Abbati ta' monasteru jew Abbazija taċ-Ċisterċensi. Dan kien mogħti lilu mill-Kappillan, il-Kanonku Karkariż Ġużeppi Theuma. Mas-Salib il-Kanonku Theuma irregala wkoll ġiżirana tad-deheb lill-istess Qaddis Patrun tar-raħal Koppi.

Interessanti ħafna huma wkoll iż-żewġ pedestalli taż-żewġ statwi titulari. San Leonardu l-qadim kellu l-pedestall tiegħu indurat bid-deheb u mdawwar b'erba' bukketti fjuri, wieħed f'kull kantuniera fuq il-bradella. Dan il-pedestall illum jintuża għall-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju f'Ottubru, u għall-istatwa tad-Duluri ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira. B'hekk baqa' jiġi utilizzat fil-parroċċa stess u mhux merfugħ jew mibjugħ lil xi parroċċa oħra. L-istil tiegħu jixbaħ ħafna lill-pedestalli l-qodma tal-Kunċizzjoni ta' Bormla u tal-Bambina tan-Naxxar li t-tnejn illum għandhom pedestalli tal-fidda. Il-pedestall il-ġdid li fuqu tistrieħ l-istatwa ta' San Leonardu ta' llum huwa rigal ta' l-ex Kappillan tal-Matriċi Koppijja Dun Franġisk Xuereb (1932-1937) li aktar 'il quddiem laħaq Monsinjur tal-Kattidral Metropolitan ta' L-Imdina. Mad-dawra ta' fuq madwar riġlejn San Leonardu inħadmet girlanda l-ġmiel tagħha b'kuluri ħajjin li jaqblu ħafna mad-disinn barokk tal-pedestall. Ta' min jgħid ukoll li fuq il-bradella ta' l-injam intarsjat mad-dawra kollha ma' tqegħdux erba' važuni bil-bukketti bħalma kellha l-istatwa l-qadima imma minflok saru erba' statwi fosthom tnejn li huma qaddisin li kellhom x'jaqsmu mal-ħajja ta' San Leonardu, kollha indurati bid-deheb.



*San Remiġju Isqof ta' Rheims fi Franza,li għammed lil San Leonardu.*



*Ir-Re Clovis li wkoll tgħammed f'Rheims ma' San Leonardu.*



*Santa Klotilde, Reġina ta' Franza mart is-Sultan Clovis.*



*Misigarda bit-tarbija fi ħdanha meħlusa mill-mewt minn San Leonardu*



*San Leonardu ta' fuq il-kolonna ħdejn il-każin, aktarx magħmul mill-istatwarju Vincenzo Cremona, San Leonardu qed iżomm il-baklu f'idejh ix-xellugija u jippriedka u jbierek bil-lemin.*

Dawn saru wkoll jiffurmaw parti integrali mill-pedestall innifsu. Fuq quddiem, fix-xellug jidher San Remiġju u fuq il-lemin ir-Re Clovis. Fuq wara mbagħad naraw lil Santa Clotilde mart Clovis, pariġġ San Remiġju u r-Reġina Misigarda li magħha San Leonardu għamel il-miraklu mat-Tarbija tagħha pariġġ Santa Clotilde. Il-bradella u l-Bankun li fuqu tistrieħ l-istatwa u l-pedestall saru minn Manwel Buħaġar minn Ħal Tarxien.



*L-Istatwa l-qadima ta' San Leonardu, ta' Karlu Darmanin. L-Istatwa tal-lum meħuda minn fuqha.*

Fatt interessanti li żgur jista' jarah kulħadd huwa li filwaqt li fiż-żewġ statwi titulari tal-Matriċi, San Leonardu qed iżomm il-baklu f'idu l-leminijja fl-istatwa li tittella' fuq il-kolonna quddiem il-Każin tal-Banda li tittella' fil-pjazza, San Leonardu jidher qed iżomm il-baklu kif suppost, jiġifieri f'idu x-xellugija waqt li b'idu l-leminija jidher qed jippriedka, bħalma ġa għidna aktar 'l fuq qed jagħmel San Publiju ta' fuq il-kolonna tal-ġebel tal-Furjana. Din l-istatwa ta' fuq il-kolonna x'aktarx li saret mill-istatwarju Vincenzo Cremona fis-seklu dsatax jew fil-bidu tas-seklu għoxrin. Dwar Cremona nafu wkoll li kien għamel statwa tal-Papa Ljun XIII għall-festa tal-Lunzjata f'Ħal Balzan ordnata mis-Soċjetà Mużikali Marija Annunzjata. Fl-1926 Vincenzo Cremona għamel ukoll l-istatwi ta' Ester u Abigail għal każin l-ieħor ta' Ħal Balzan, dak ta' San Gabriel.

B'hekk fil-qosor tajna xi tagħrif kritiku dwar il-livell artistiku għoli li għandhom dawn iż-żewġ statwi titulari tal-parroċċa u matriċi ta' Ħal Kirkop, valur artistiku mhux biss fl-istatwi fihom infushom imma anki għaliex għandna napprezzawhom u nibżgħu għal dak li ħallewlna missirijietna sa mis-sena 1877 meta Karlu Darmanin tana l-istatwa storika u oriġinali li llum tinsab fis-sagristija u li jkun xieraq li tiġi restawrata, u l-istatwa ta' llum maħduma fl-injam fl-Italja ta' Fuq eżattament kważi sittin sena ilu li tagħlaqhom sentejn oħra fl-2009.

**Biblijografija**


Programm Festa 2000 pp.23-25

Joseph Grech, Vari ta' Malta u Għawdex, p.41

Joseph Cassar, Il-Mument Collage, 18 ta' Settembru 2005 p.27 għal dettalji dwar l-Istatwa l-ġdida ta' San Leonardu.

Mgr. Dun Ġwann Dimech, Ħal Balzan, Malta, 2004 p.166.

Ara wkoll Programm tal-Festa ta' Ħal Balzan, 1965.